## IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 24 ta' Ġunju 2021**

Appell numru 35/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ronald APAP**

Il-Qorti rat is-segwenti :

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Frar 2020 fil-konfront ta' Ronald APAP (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 150470M) li ġie mixli talli:

    i. Bejn il-5 ta' Frar 2012 u l-5 ta' Frar 2017 ġewwa r-residenza 10, Blue Cave, Triq il-Ħajt tal-Matla, Mqabba, ikkommetta serq ta' elettriku għad-detriment tal-Enemalta u/jew persuna/i oħra liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-ħin, u bil-lok u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 263, 267, 269, 270 u 279(B) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew kisser xi parti minn xi meter tal-elettriku jew siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom u dan bi ksur tal-Artikolu 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii. Kif ukoll talli sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat qua appellant mhux ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni hekk miġjuba u kkundannatu għal perjodu ta' sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan il-perjodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Ronald APAP appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata limitatament fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. L-Ewwel Aggravju: Il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt raġonevolment issib lill-imputat appellant ħati talli kkometta r-reati imsemmija fil-paragrafu b) tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali marbuta mas-serq tal-elettriku għad-detriment tal-Enemalta. Ir-rapport tal-parte leża huwa mibni interament fuq suspett liema suspett ma ġiex fondat wara l-istess ispezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-Enemalta u dan kif xehedu huma stess.

Id-dispożizzjoni prinċipali marbuta mas-serq ta' kurrent elettriku hi l-artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali illi b'kuntrast ma' reati oħrajn fejn l-oneru tal-prova hi fuq il-Prosekuzzjoni, din id-dispożizzjoni tal-Liġi toħloq il-preżunzjoni illi fuq min hu reġistrat il-meter jew il-kont tad-dawl jew id-detentur tal-fond ikun meqjus li jkun konsapevoli jew li għandu x-xjenza meħtieġa illi effettivament kien qiegħed jinsteraq id-dawl. L-oneru tal-prova jaqa' fuq l-imputat sabiex jipprova l-kuntrarju.

Illi madanakollu l-preżunzjoni stabbilita mil-liġi hija limitata fuq l-ixjenza tal-imputat li kien hemm konsum u/jew teħid ta' dawl illegali. L-elementi l-oħra marbuta mas-serq u ċjoe' li kien hemm il-ksur u l-preżenza ta' mezzi qarrieqa xorta waħda taqa' fuq il-Prosekuzzjoni biex tippruvahom. Huwa biss wara li jiġi ppruvat is-serq li tiskatta din il-preżunzjoni.

Fil-każ odjern xehedu żewġ uffiċjali tal-Enemalta illi kienu preżenti waqt l-ispezzjoni li saret fil-fond fi Triq il-Ħajt tal-Matla, l-Imqabba. David Scicluna surveillance officer mal-awtorita' jixhed illi s-suspettat li wassal għall-ispezzjoni kien li ġie nnutat li kien hemm bozza tixgħel meta kien jirriżulta lill-Enemalta illi d-dawl ġol-fond kien maqtugħ 'remotely'. Madanakollu dwar din il-bozza l-istess xhud ma jirrilevax fejn u min iktar ra tixgħel, x'kulur kien id-dawl u dettalji oħra li setgħu kienu rilevanti biex wieħed jistabbilixxi jekk kinitx bozza jew sors ta' dawl ieħor. L-istess xhud jixhed li waqt l-ispezzjoni rriżultaw li xi 'grobets' kienu ġew imneħħija u li kien hemm wires li kienu ippitjati. Dan jixhdu wkoll l-uffiċjal Joseph Zammit li żied jgħid kif dawn il-'grobets' ma jagħmlu xejn għal dak li jirrigwarda l-konsum tal-elettriku u jintużaw for safety purposes għax fihom ikun għaddej il-kurrent. Għal dak li jirrigwarda l-'ippitjar' l-ispjegazzjoni li kellhom l-uffiċjali tal-Enemalta kien illi seta' kien hemm bypassing tal-meter imma ma kienx hemm.

Il-Qorti erronjament qieset li l-ippitjar tal-wires fil-każ in diżamina fisser illi kien sar serq ta' dawl meta fil-fatt l-uffiċjali tal-Enemalta stess b'mod konsistenti jixhdu illi dan l-ippitjar ma jfissirx assolutament illi sar il-by-passing tal-meter u li effettivament irriżultalhom illi serq ta' dawl ma kienx hemm. Ma tressqet l-ebda prova li effettivament is-serq tad-dawl sar.

Lanqas l-ammont li seta' ġie misruq ma ġie ppruvat u dan in kwantu l-uniku dokument illi preżentant il-Prosekuzzjoni kienet stima tal-allegat dannu li sofriet l-Enemalta. L-esponent jerġa jagħmel referenza għas-sentenza P vs. Emanuel Borg fejn il-Qorti Kriminali irriteniet li ma tistax

tinstab ħtija fuq akkużi bbażati sempliċement fuq stima. Illi għalhekk fl-agħar ipoteżi ma kellhiex tinstab ħtija bil-kwalifika tal-valur.

Lanqas ma nġabet prova tal-kwalifika tal-ħin u ċjoe li l-allegat serq kien isir bil-lejl jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx.

ii.It-Tieni Aggravju: Il-Qorti ma tagħmilx referenza liema provi hija qieset meta sabet ħtija fl-appellant għar-reat ta' ħsara volontarja. L-unika ħsara illi rriżultat lill-uffiċjali tal-Enemalta waqt l-ispezzjoni kien in-nuqqas ta' grobets u dan seta' seħħ anki bil-wear and tear u mhux neċessarjament għax ġew maqlugħa volontarjament. Ir-reat ravviżat fl-Artikolu 326(1) ma joħloq l-ebda preżunzjoni legali bħal dik il-preżunzjoni ipotizzata fl-Artikolu 264(2). In oltre, f'reat volontarju l-Qorti tal-Maġistrati kellha neċessarjament tasal għall-konklużjoni tagħha billi tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm l-element formali tar-reat. Lanqas ma tirriżulta mill-provi li l-allegata ħsara seħħet mill-esponent.

Lanqas ma kellha tinstab ħsara fl-appellant għall-ksur tal-Artikolu 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati,

---

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive**

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut,

---

**Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun

żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju**

**dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.
[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn

u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus

Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet

għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar is-17 ta' Mejju 2017 għall-ħabta tas-1335, il-Pulizija ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq irċeviet rapport mingħand Joseph Zammit fil-kapaċita' tiegħu ta' Senior Trademan tal-kumpanija Enemalta Plc fejn huwa rraporta li nhar il-5 ta' Frar 2017 kienet saret ispezzjoni mill-uffiċjali tal-Enemalta ġewwa l-fond 10, Blue Cave Triq il-Ħajt tal-Matla, l-Imqabba u dawn kienu sabu xi irregolaritajiet konsistenti fi ħsarat fil-meter tad-dawl. Ġo dan il-fond kien jirrisjedi Ronald APAP. Meta marru jagħmlu l-ispezzjoni, l-uffiċjali tal-Enemalta sabu lil Ronald APAP barra l-fond in kwistjoni u kien hu li fetħilhom il-fond meta ġie mistoqsi sabiex jagħmel dan għall-fini ta' ispezzjoni tal-meter tad-dawl. L-uffiċjali tal-Enemalta nnutaw ukoll dawl ġej minn ġewwa dan il-fond għalkemm kellhom informazzjoni li d-dawl f'dak l-indirizz kien maqtugħ mill-kumpanija Enemalta u kwindi ma kienx possibbli li f'dak il-fond tintuża l-elettriċita'.

30. Ronald APAP daħal ġewwa u wara ftit ta' żmien instema' jiftaħ il-bieb tal-garaxx tal-imsemmija residenza minn fejn ta aċċess lill-

uffiċjali tal-Enemalta. Hekk kif dawn daħlu, ma rawx dawl mixgħul. Mill-ispezzjoni rriżulta li dik il-parti tal-meter tad-dawl imsejħa 'grommet' ma kinitx f'postha u kif fetħu l-bażi tas-service box tal-meter tad-dawl ikkonstataw li fil-post fejn kien dieħel il-phase wire kien 'ippitjat' u ċjoe' kien jidher li kien qiegħed jisparkja. Filwaqt li n-nuqqas ta' 'grommets' ma kellux effett fuq il-konsum tal-elettriku, l-uffiċjali tal-Enemalta rraportaw kif l-'ippitjar' tal-phase wire kienet indikazzjoni li seta' kien hemm by-passing tal-meter tad-dawl u konsegwentement minn ġewwa dak il-fond kien qiegħed jinsteraq l-elettriku.

31. L-uffiċjali tal-Enemalta ħejjew ir-rapport tagħhom u kkomunikaw dawn l-osservazzjonijiet lill-kumpanija. Nhar is-17 ta' Mejju 2017 imbagħad, Joseph Zammit kien ġie nkarigat li jirraporta dawn ir-riżultanzi lill-Pulizija u in segwitu għal dan ir-rapport, kienu ġew istitwiti l-proċeduri odjerni kontra l-imputat appellant Ronald APAP.

## Ikkunsidrat

### Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.

32. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jattakka d-deċiżjoni ta' sejbien tal-ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, ħin u lok. B'mod partikolari jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issibu ħati bl-applikazzjoni tal-preżunzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 264(2) tal-

Kodiċi Kriminali in kwantu l-Prosekuzzjoni fl-ewwel lok riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien sar xi ksur jew kien hemm l-eżistenza ta' mezzi qarrieqa adoperati mill-appellant APAP u ċjoe' li kien twettaq is-serq tal-elettriku minnu qabel ma effettivament tiskatta l-preżunzjoni ikkontemplata fl-imsemmi sub-inċiż. Dan, skont l-appellant, il-Prosekuzzjoni ma għamlitux.

33. L-appellant jikkontendi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-meter tad-dawl kien juri xi mekkaniżmu qarrieqi imputabbli lill-APAP bħala sid il-fond fejn saret l-ispezzjoni; kif ukoll li anki jekk għall-grazzja tal-argument instabu xi irregolaritajiet f'dan il-meter tad-dawl, dawn ma kienux tali li kellhom effett dirett fuq il-konsum tal-elettriku f'dak il-fond.

**Ikkunsidrat**

34. Il-Kodiċi Kriminali Malti ma jagħtix definizzjoni tar-reat ta' serq. Il-ġurisprudenza prevalenti dejjem straħet fuq id-definizzjoni ta' serq elaborata mill-ġurista Francesco Carrara li tgħid li s-serq huwa t-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod malizzjuż bil-għan li jsir il-qliegħ. Din id-definizzjoni tiġbor fiha ħames elementi li neċessarjament iridu jiġu ppruvati sabiex jiġi meqjuż integrat ir-reat tas-serq. Dawn huma : -

i. La contrettazione
ii. Dolosa
iii. Di cosa altrui

iv. Fatta invito domino
v. Con animo di farne lucro

35. Hekk ġie ritenut fost oħrajn, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Godwin Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Novembru 1998:

> Kif inhu risaput, fil-ġurisprudenza tagħna, dejjem ġie ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluża tal-ħaġa ta' ħaddieħor, magħmula invito domino bi skop ta' lukru.
>
> Ikun inutli li wieħed jiċċita mil-liġi Ingliża viġenti dwar is-serq peress li n-nozzjoni tagħna tas-serq hi kompletament differenti minn dik Ingliża.

36. Hekk ingħad ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Il-Pulizija vs. John Galea u Paul Galea** deċiża nhar it-30 ta' Jannar 2003:

> Ghalhekk jirrikorru ndubbjament l-erba elementi l-ohra tar-reat ta' serq u cioe' dawk tal- "Contrectatio dolosa della cosa altrui , fatta invito domino" li jifformaw parti mid-definizzjoni klassika tal-CARRARA [Programma , Parte Speciale , Vol. IV, para.2017] u li giet addottata kostantement mill-Qrati taghna [ara 'Pulizija vs. Mario Tanti et.' App. Krim. 9.12.1944 , 'Pulizija vs. Carmelo Felice ', App. Krim. 10.1.1942 u ohrajn]. Li qed jigi ikkontestat mill-appellanti hu proprju il-hames element u cioe' dak li l-Carrara jidentifika bhala "l'animo di farne lucro" , jew l-"animus furandi"

37. F'paġna 33 tax-xhieda tiegħu Joseph Zammit, wieħed mill-Uffiċjali tal-Enemalta li marru jagħmlu l-ispezzjoni fil-fond numru 10, Blue Cave Triq il-Ħajt tal-Matla, l-Imqabba, jikkonferma li kellhom informazzjoni li f'dak il-fond il-provvista tad-dawl kienet maqtugħa minn naħa tal-kumpanija Enemalta*,* x'aktarx minħabba sitwazzjoni ta' pendenzi dovuti mill-persuna reġistrata bħala utent tas-servizz tal-elettriku f'dak il-fond. Dan ifisser li l-meter tad-dawl elettriku jkun

ġie diżattivat mill-Enemalta b'mod li ma jkunx jista' jinxtegħel id-dawl elettriku f'dak il-fond. Ix-xhud jgħid hekk:

Xhud: Qabel dħalna nnutajna konna nafu li kien hemm id-dawl maqtugħ remotely. Id-dawl kien maqtugħ remotely.
Qorti: Id-dawl kien maqtugħ?
Xhud: Remotely.
Qorti: X'jiġifieri?
Xhud: Jiġifieri mhux maqtugħ mill-linja biex niftehmu. Maqtugħ bil-computer.
Qorti: Jiġifieri qtajtuhulu inthom?
Xhud: Qtajnihulu aħna. **U żgur kien maqtugħ id-dawl.**[11] Pero'.

38. Minkejja li l-provvista tad-dawl elettriku kienet maqtugħa, kif kienu għadhom barra l-fond in kwistjoni, l-Uffiċjali tal-Enemalta setgħu jinnutaw li **fuq ġewwa kien hemm xi bozza mixgħula** – fatt li jindika li f'dak il-fond kien, b'xi mod, għad hemm il-provvista tas-servizz tad-dawl elettriku. F'paġna 34 tax-xhieda tiegħu Joseph Zammit jgħid hekk:

Xhud: Jindikalna li seta' kien hemm by-passing tal-meter. Ma kienx hemm. Seta' kien hemm. **Infatti qabel dħalna rajna d-dawl mixgħul.**[12]

F'paġna 34 u f'paġna 35 tax-xhieda tiegħu, iżid jgħid hekk:

Pros: Għalfejn qed taħseb li seta' kien hemm? X'ġiegħlek taħseb li seta' kien hemm?
Xhud: Ifhimni. **Qabel dħalna kien hemm id-dawl. Kif is-sinjur kien ħa jifħilna minn ġol-garaxx, f'daqqa waħda ntefa' per eżempju.**[13]

U dwar il-fatt li qabel ma bdiet l-ispezzjoni deher id-dawl mixgħul ġewwa l-imsemmi fond, jixhed ukoll l-uffiċjal tal-Enemalta David Scicluna li wettaq din l-ispezzjoni flimkien ma' Joseph Zammit:

Xhud: Sibna lis-sinjur barra. Tlabnieh biex nagħmlu spezzjoni tal-arloġġ. Għall-ewwel irrifjuta. **Innutajna li kien hemm bozza ġewwa tixgħel**.[14]

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Paġna 31 tax-xhieda tiegħu. Enfasi ta' din il-Qorti.

39. Għalhekk, minn dak li xehedu l-uffiċjali tal-Enemalta jirriżulta li għalkemm fl-imsemmi fond il-provvista tal-elettriku kienet maqtugħa - u minn dan huma kienu ċerti għaliex kienu nfurmati mill-Enemalta stess dwar dan il-fatt - xorta waħda jidher li kien hemm xi forma ta' kurrent għaddej hekk kif tennew diversi drabi li fuq ġewwa deher id-dawl tal-bozza.

40. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq il-verżjoni ta' dawn iż-żewġt xhieda. Dan peress li dawn it-tip ta' spezzjonijiet isiru mingħajr preavviż u għalhekk huwa verosimili li l-appellant, li ma kienx jaf li se jsib għal-għarrieda ma' wiċċu lill-uffiċjali tal-Enemalta, dak il-ħin kellu bozza mixgħula u li dan tfieha meta waslu fuq il-post l-Uffiċjali tal-Enemalta għall-għarrieda u ħasduh. F'dan ir-rigward ta' min jinnota s-sekwanza ta' kif żvolġew il-fatti skont l-Uffiċjal David Scicluna fir-rigward tal-imġieba tal-appellant hekk kif intebaħ li kien hemm dawn l-Uffiċjali mill-Enemalta li kienu preżenti fuq il-post biex jagħmlu din l-ispezzjoni. Scicluna jgħid hekk:

(i) Raw lill-appellant barra mir-residenza tiegħu;
(ii) għall-ewwel l-appellant irrifjuta li ssirlu l-ispezzjoni;
(iii) minn fuq barra innutaw bozza tixgħel fir-residenza tal-appellant;
(iv) imbagħad aċċetta li jiftaħ u
(v) daħal mid-dar u **<u>dam biex fetħilhom;</u>**
(vi) Sema' ħoss ġej mill-garage;
(vii) Daħħalhom mill-garage biex jagħmlu l-ispezzjoni;

(viii) Sabu ċerti irregolaritajiet li xprunawhom iċemplu l-Uffiċju tagħhom biex imorru fuq il-post it-team tas-CRT biex jaqilgħu is-servizz minn mal-linji u jieħdu kollox magħhom.

41. Joseph Zammit f'paġna 35 tax-xhieda tiegħu jgħid kif osservaw li hekk kif l-appellant (a) **dam biex fetħilhom** u (b) **meta l-appellant kien sejjer jiftħilhom mill-garaxx, id-dawl li kienu raw qabel f'daqqa waħda intefa'**.

42. Din hija parti mill-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ li minnha jitnisslu ċerti mistoqsijiet li raġonevolment jitfgħu dawl ir-raġunijiet wara din l-imġieba da parti tal-appellant. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu għal rashom, iżda jridu jiġu interpretati fl-isfond tal-provi l-oħra kollha miġbura f'dan il-każ.

43. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tara jekk kienx raġonevolment meħtieġ għall-appellant li jdum biex jiftaħ il-bieb wara li dan kien irrifjuta li jaċċetta li ssirlu spezzjoni mill-Uffiċjali tal-Enemalta. Jekk l-appellant kellu kollox sew fil-konnessjonijiet tal-elettriku tad-dar tiegħu, kien raġonevolment mistenni minnu li jirrifjuta li ssir spezzjoni? Kien raġonevolment mistenni minnu li jdum biex jiftħilhom il-bieb wara li huwa aċċetta li ssir l-ispezzjoni? Għaliex dam biex jiftħilhom il-bieb? X'kienu dawk il-ħsejjes ġejjin mill-garage li ġibdu l-attenzjoni tal-Uffiċjal David Scicluna qabel ma l-appellant fetħilhom il-garage? Għaliex il-bozza li ż-żewġ Uffiċjali tal-Enemalta raw mixgħula qabel ma huma għamlu l-ispezzjoni u qabel ma feħtilhom il-bieb issa kienet ġiet mitfija? Kif setgħet din il-bozza fid-dar tal-appellant tkun mixgħula meta l-provvista tal-elettriku tal-appellant kienet ġiet maqtugħa mill-

comupter tal- Enemalta qabel ma saret l-ispezzjoni fuq il-post mill-Uffiċjali tal-Enemalta? Jekk kien hemm bozza verament tixgħel fid-dar tal-appellant kif jixhdu ż-żewġ Uffiċjali tal-Enemalta, u jekk verament allura l-provvista tal-elettriku kienet maqtugħa mill-Enemalta, mnejn l-appellant kien qiegħed iġib l-elettriku fir-residenza tiegħu biex setgħa xegħel dik il-bozza? Mill-evidenza miġbura ma jirriżultax li l-appellant kellu sors ieħor ta' ġenerazzjoni tal-elettriku bħal xi forma ta' batteriji solari jew ġeneratur tal-elettriku.

44. Dawn huma ċirkostanzi ta' fatt li, magħqudin mal-kumplament tal-provi prodotti, jixħtu dawl fuq dak li seħħ f'dan il-każ. L-Uffiċjali tal-Enemalta jgħidu li d-dawl tal-bozza kien mixgħul sakemm l-appellant ġie biex jiftħilhom u dan f'kuntest fejn l-appellant kien għadu ma jafx li kien sejjer jiġi sottopost għal spezzjoni għall-għarrieda. Biss mill-mument li l-appellant ġie avżat li kienet se ssirlu spezzjoni, u wara li l-appellant aċċetta li ssirlu l-ispezzjoni, l-Uffiċjali tal-Enemalta innutaw li dan l-istess dawl ma baqgħax jidher li kien baqa' mixgħul.

45. Jekk, kif setgħet tagħmel, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) emnet il-verżjoni tar-rappreżentanti tal-Enemalta, hija setgħet legalment u raġonevolment tqis li dan ir-rakkont tal-bozza l-ewwel mixgħula imbagħad mitfija ma kienx sempliċement xi suspett; iżda kienet prova ċirkostanzjali konkreta li fil-fond li jsejjaħ lill-appellant kien hemm konsum tal-elettriku fl-istess waqt li l-Enemalta kienet issospendiet il-provvista tal-elettriku f'dan l-istess fond. Ma nġabitx prova li turi li l-ġenerazzjoni ta' dan l-elettriku kienet ġejja minn sors ieħor apparti dak provdut mis-sistema tad-distribuzzjoni

elettrika tal-Enemalta. Provvista tal-elettriku mill-meter tad-dawl tal-appellant ma jistax ikun li kien hemm stante li s-servizz tal-elettriku kien maqtugħ remotament mill-computers tal-Enemalta. Dan minn nnifsu jindika li l-appellant b'xi mod kien qiegħed jikkonsma l-elettriku b'mod li ma kienx legalment reġistrat u kontat mill-meter tad-dawl tal-Enemalta installat f'dak il-fond. Dawn huma parti mill-provi ċirkostanzjali li jippuntaw lejn il-fatt li l-appellant kien qiegħed jirċievi u juża s-servizz tal-elettriku mingħajr ma jħallas għalih – fatt li jipponta lejn il-contrectatio dolosa di cosa altrui (l-elettriku) fatto invito domino con l'animo di farne lucro (jiffranka l-flus tal-elettriku ikkonsmat).

46. Prova ċirkostanzjali oħra li s-sistema tar-riċezzjoni tas-servizz tal-elettriku fir-residenza tal-appellant ma kienetx sewwa u li kien hemm xi ħaġa ħażina fiha toħroġ mill-fatt li **<u>għall-ewwel l-appellant ma riedx li ssirlu spezzjoni -</u>** fatt li, magħqud mal-kumplament tal-provi prodotti jindika li l-appellant ma kienx komdu li ssirlu l-ispezzjoni nonche li kien jaf li kellu xi ħaġa li ma riedx li tiġi skoperta minn dawn l-Uffiċjali. Altrimenti ma kienx ikollu għalfejn jirrifjuta. Dan il-fatt huwa mbagħad imsaħħaħ bil-fatt l-ieħor mistqarr u pruvat li wara li aċċetta li ssirlu din l-ispezzjoni l-appellant (a) l-ewwel dam biex fetħilhom; (b) Scicluna sema' ħoss ġej mill-garage li ġibidlu l-attenzjoni; u (c) imbagħad fil-frattemp ġie osservat li l-bozza li qabel kienet mixgħula ma baqgħetx tixgħel.

47. Anzi minbarra l-provi ċirkostanzjali li jitnisslu mill-imġieba tal-appellant meta ntebaħ li kien hemm l-Uffiċjali tal-Enemalta li kienu marru jagħmlu spezzjoni u qabel ma daħħalhom id-dar, hemm provi

ċirkostanzjali l-oħra li joħorġu mix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Enemalta dwar l-istat u l-kundizzjoni tal-meter, il-cable u l-aċċessorji l-oħra.

48. L-appellant jilqa' għal din l-evidenza diretta u indiretta billi jgħid li :

(a) anki l-uffiċjali tal-Enemalta b'mod konsistenti xehedu li ma kienx hemm serq ta' dawl;

(b) Għal dak li jirrigwarda l-'grobets' (sic!), David Scicluna xehed li dawn kienu sempliċement biċċiet tal-lastiku li wieħed isib madwar il-cables u li l-funzjoni tagħhom iktar milli għandha x'taqsam mal-passaġġ tal-kurrent kienet waħda ta' sigurta' peress li ġewwa l-cables ikun għaddej il-kurrent;

(c) Għal dak li jirrigwarda l-'ippittjar' tal-phase wire, l-appellant jikkontendi li meta xehed Joseph Zammit dan qal li għalkemm seta' kien hemm serq ta' elettriku, 'Ma kienx hemm' u ċjoe li ma sabux by-passing tal-elettriku.

49. Filwaqt li huwa minnu li l-Uffiċjali tal-Enemalta xehedu b'dan il-mod, biss id-diskors tagħhom irid jitqies f'kuntest li jeħtieġ li jiġi analizzat fil-kuntest li ntqal. Joseph Zammit, f'paġna 34, jixhed hekk:

> Xhud: Li normalment dawn inpoġġuhom aħna tal-Enemalta jiġifieri l-gromets tal-arloġġ. Kif ftaħna l-base tas-service box, sibna li fejn jidħol il-phase wire kien kollu pitjat, kollu sparks. Ovvjament xi ħaġa teknika din jiġifieri. Dan jindikalna.
> Qorti: X'jagħmel meta dan it-tip ta' wire ikun hekk?
> Xhud: Jindikalna li seta' kien hemm by-passing tal-meter. Ma kienx hemm. **Seta' kien hemm. Infatti qabel dħalna rajna d-dawl mixgħul.**[15]

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

50. F'paġna 35 tax-xhieda tiegħu huwa jkompli jispjega x'ried ifisser meta qal li għalkemm ma sabux by-passing tal-phase wire, **<u>seta' kien hemm</u>**:

> Pros: Għalfejn qed taħseb li seta' kien hemm? X'ġiegħlek taħseb li seta' kien hemm?
> Xhud: Ifhimni. Qabel dħalna aħna kien hemm id-dawl. Kif is-sinjur kien ħa jiftħilna minn ġol-garaxx, f'daqqa waħda ntefa' per eżempju.
> Qorti: Jiġifieri serq ta' dawl kien qed ikun hemm? Iva jew le?
> Xhud: **Serq ta' dawl dak il-ħin li dħalna aħna le.**[16]

51. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, din il-Qorti tislet li dak li kien qiegħed jgħid l-Uffiċjal tal-Enemalta mhux li ma kienx hemm by-passing ta' elettriku u ċjoe' serq ta' elettriku minn ġewwa l-isemmi fond li jsejjaħ lill-appellant iżda li **<u>dak il-ħin</u>** li huma daħlu jagħmlu l-ispezzjoni ma sabux dan il-by-passing **<u>għar-raġuni li d-dawl kien mitfi</u>**. Joseph Zammit jispjega li meta daħlu jagħmlu l-ispezzjoni ma kienx hemm dawl mixgħul u għalhekk ma kienx hemm kurrent għaddej bil-konsegwenza li **<u>f'dak il-ħin tal-ispezzjoni</u>** ma setax jiġi nnutat li kien hemm serq tal-elettriku. Iżda mill-mod ta' kif sabu l-phase wire 'ippitjat' kien jindika mhux biss li f'xi mument kien għaddej il-kurrent, iżda wkoll li l-wiring kien b'mod tali li jindika li setgħa kien hemm bypassing li beda jikkaġuna dak il-pitting, u kwindi kien hemm serq ta' elettriku f'fond fejn f'dak iż-żmien il-provvista tad-dawl kienet maqtugħha mill-Enemalta. Zammit jixhed li **bħala norma** (il-phase wire) **ma jkunx hekk** (jiġifieri "ippitjat"). Għaldaqstant din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant meta dan jisħaq li l-Uffiċjali tal-Enemalta eskludew għal kollox li kien hemm is-serq tal-elettriku.

---

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

52. Mill-ispezzjoni rriżulta li l-'grommets' ma kienux f'posthom. Kif dawn l-Uffiċjali feħtu l-bażi tas-service box tal-meter tad-dawl ikkonstataw li fil-post fejn kien dieħel il-phase wire kien 'ippitjat' u ċjoe' kien jidher li kien qiegħed jisparkja. Filwaqt li n-nuqqas ta' 'grommets' ma kellux effett fuq il-konsum tal-elettriku, l-Uffiċjali tal-Enemalta irraportaw kif l-'ippitjar' tal-phase wire kien indikazzjoni li seta' kien hemm by-passing tal-meter tad-dawl u konsegwentement minn ġewwa dak il-fond kien qiegħed jinsteraq l-elettriku. Minbarra dan, Joseph Zammit f'paġna 35 jgħid ukoll li ma kienx regolari li l-phase wire ikun kollu ppittjat. Irriżultalhom li kien hemm ħsara fl-outer core tal-cable.

53. Aktar minn hekk irriżultalhom ukoll li dak il-ħin li daħlu huma sabu li l-viti tal-consumer unit kienu maħlulin. Il-grommets li suppost ikunu imwaħħla f'dik il-parti tas-service box bejn il-cable u s-service box biex ma jkunx hemm ebda penetrazzjoni li tippermetti konnessjonijiet illegali, instabu wkoll neqsin.

54. Għalhekk in bażi għal dawn il-provi diretti u indiretti, interpretati fil-kompless tagħhom, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib li l-appellant kien qiegħed jikkometti serq tal-elettriku għad-dannu tal-kumpanija Enemalta minn ġewwa l-fond bl-indirizz 10, Blue Cave, Triq Il-Ħajt tal-Matla, Imqabba liema fond jirriżulta, anki minn l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tiegħu (fol. 84 tal-atti proċesswali), li kien isejjaħ lilu.

55. Issa jkun imiss li din il-Qorti tistħarreġ jekk jirriżultawx il-kwalifiki tas-serq hekk kif imputati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-

rinviju għall-ġudizzju tiegħu liema kwalifiki l-appellant qiegħed jikkontesta.

**Il-Kwalifika tal-Mezz**

56. L-Artikolu 263 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi żewġ istanzi ta' serq ikkwalifikat bil-mezz :

(a) l-ipoteżi ġenerali msemmija fis-subinċiż (a) ċjoe meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;

(b) Imbagħad, fil-każ ta' meters tal-ilma jew tad-dawl fost oħrajn, l-Artikolu 264(1) tal-Kodiċi Kriminali iqis bħala ksur:

> kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi meter, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili, jew gumni, jew **l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2)**, jitqies ukoll li huwa "ksur".

57. L-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali iżid :

> Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-**każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata[17],** jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.

58. Ġaladarba ġie stabbilit li

(i) ikun sar serq tal-elettriku; u li

(ii) dan is-serq ikun sar permezz ta' 'ksur' hekk kif definit iktar 'il fuq,

---

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

tiskatta l-preżunzjoni iuris tantum li tispostja l-oneru tal-prova fuq l-imputat biex jipprova li ma jkunx minnu li l-meter tad-dawl reġistrat fuq il-fond li huwa jkollu f'idejh jew li huwa jkun id-detentur tiegħu, ma jkunx fih mezzi qarrieqa li jistgħu jippermettu l-użu jew il-konsum illeġittimu tal-kurrent elettriku. Dan huwa minnu wkoll meta l-mezz qarrieqi jkun qiegħed iservi sabiex bih wieħed ikun jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar tal-meter relattivament għall-konsum tal-elettriku.

59. L-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa daqstant preċiż daqskemm ċar fid-diċitura adoperata in kwantu tirrikjedi li l-mezzi qarrieqa jkunu tali li <u>**jistgħu u ċjoe' li jkollhom il-potenzjal**</u> li jew jipprovdu l-użu jew il-konsum illeġittimu tal-elettriku (ċjoe konsum mhux irreġistrat tal-elettriku) jew inkella jkunu tali li jimmanipulaw il-kejl jew l-immarkar tal-konsum elettriku fil-meter. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Il-Pulizija vs. Raymond Abela** deċiż nhar is-16 ta' Lulju 1990, ċitat ukoll mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ingħad is-segwenti :

> Il-Qorti ssottolineat il-kliem 'jew li bihom jista' jitwaqqaf jew jitbiddel il-kejl jew il-markar fil-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata', biex bihom tindika l-forza li toħroġ minn dan il-kliem issottolineat; **dan jimplika illi mezzi qarrieqa jridu jkunu jistgħu jwasslu għal dak l-effett li bihom jista' jitwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar**. Issa t-toqba waħidħa, waħidha hija biżżejjed biex twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew l-immarkar fil-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata? Ovvajment il-Qorti ma tistax ma tirravviżax il-fatt li toqba waħidha mhux biżżejjed, tant li huwa hekk li l-espert tekniku, ix-xhud tekniku Angelo Ellul li huwa Technical Officer tal-Enemalta fix-xhieda tiegħu a fol. 29 tal-proċess jgħid kategorikament: ''ma kienx hemm mezzi qarrieqa li bihom kien qed jinżamm il-konsum, kien hemm biss it-toqba'' u la fil-fehma tal-persuna teknika illi tifhem fil-meters u fl-affarijiet aċċessorji tagħhom, ma kienx hemm mezzi qarrieqa din il-Qorti ma tifhimx li għandha ssib il-mezzi qarrieqa...

60. Ġie ampjament ippruvat li l-mezzi qarrieqa utilizzati mill-appellant bħala l-utent tas-servizz elettriku f'dak il-fond, kellhom il-

potenzjal li jirraviża l-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-Uffiċjali tal-Enemalta, il-meter tal-elettriku li intstab fil-fond li jsejjaħ lill-appellant kien qiegħed juri diversi tipi ta' irregolaritajiet :

(a) kien hemm il-viti tal-consumer unit kienu maħlulin;

(b) f'dik il-parti tas-service box fejn suppost ikun hemm il-grommets imwaħħla bejn il-cable u s-service box biex ma jkun hemm ebda penetrazzjoni li tippermetti konnessjonijiet illegali, dawn instabu li kienu neqsin;

(c) kien hemm ukoll fejn jidħol il-**phase wire ippitjat** b'dan tal-aħħar ikun indikattiv ta' **by-passing** ta' kurrent elettriku.

61. Issa, għall-fini ta' definizzjoni ta' ksur ai termini tal-Artikolu 264 tal-Kodiċi Kriminali :

(a) Il-fatt li kien hemm il-viti tal-consumer unit kienu maħlulin jindika li kien hemm element ta' manumissjoni ma din il-consumer unit in kwanti l-viti normalment ma jkunux maħlulin, u biex dawn il-viti jinħallu bilfors li jkun irid ħallhom xi ħadd. Dawn il-viti ma jinħallux waħedhom u għalxejn. U biex ikun hemm konsum regolari ta' elettriku ma għandhomx għalfejn jinħallu dawn il-viti.

62. Il-fatt waħdu li l-'grommets' ma kienux f'posthom ma jaffetwax il-konsum tal-elettriku; u dan jixhdu David Scicluna meta f'paġna 31 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk :

> Pros: Spjega waħda l-Qorti dawn il-'grobets' x'jikkawżaw fil-kurrent tad-dawl?
> Xhud: Ma jikkawżaw xejn. Le, le. Xejn ma jikkawżaw.

63. Iżda l-fatt li Joseph Zammit jixhed li f'dik il-parti tas-service box fejn suppost ikun hemm il-grommets imwaħħla bejn il-cable u s-service box biex ma jkun hemm ebda penetrazzjoni li tippermetti

konnessjonijiet illegali, dawn instabu li kienu neqsin, jindika li l-ostaklu għall-penetrazzjoni kien tneħħa. Il-grommets ma jinqalgħux waħedhom l-anqas. Dwar dan il-punt anke l-istess David Scicluna jikkonferma li dawn il-grommets ikunu imqegħdin f'posthom biex "persuna jew hadd ma jista' jdahhal jew ebda insett jew annimal ma jista' jidhol hemm gew. U l-anqas il-persuna". Dan huwa ferm kompatibbli ma' dak li xehed Joseph Zammit fis-sens li parti mill-funzjoni tal-grommets huwa preċiżament li jiġi evitat li persuna tkun tista' ddaħħal xi oġġetti, bħal wires oħra minn dak il-post.

64. Inoltre minn dak mistqarr minn Joseph Zammit, l-**ippitjar** tal-**phase wire**, setgħa kien indikattiv ta' bypassing ta' kurrent elettiku mill-meter (ergo serq ta' elettriku) in kwantu l-pitting kien effett ta' dak il-bypassing minħabba l-produzzjoni ta' sparks li, minn naħa tagħhom jikkawżaw dak il-pitting. Iżid li dan il-pitting mhux suppost li jkun hemm; u l-pitting jindika li kien kurrent għaddej minn hemmhekk. Meta s-sistema tkun integra, l-cable ikun issikkat. Huwa meta ma jkunx issikkat li jsir dak il-"buzzing sound" u jkun hemm l-isparks. Meta jkun issikkat dan ma jagħmilx hekk. Kien għalhekk li Zammit jqis dan bħala indikazzjoni li jkun hemm bypassing. David Scicluna jgħid li dan il-pitting isir billi jkun intemess xi ħaġa mal-cable u bil-load jisparkja.

65. Din ukoll hija evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha li tkompli ssaħħaħ it-teżi tal-Prosekuzzjoni li s-serq tal-elettriku f'dan il-każ kien dovut għal ksur li tikkontempla l-Liġi meta titkellem fuq **l-eżistenza ta' mezzi qarrieqa.** Dan għaliex l-effett ta' din l-irregolarita' hija dik tal-by-passing tal-kurrent elettriku u ċjoe tas-serq

tal-elettriku. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant li hawnhekk si tratta ta' każ identiku għall-każ ta' Raymond Abela. Hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex sempliċement toqba f'meter li per se ma twassalx għal interruzzjoni fir-reġistrazzjoni tal-konsum tal-elettriku; toqba f'meter tista' tindika xi forma ta' intenzjoni li f'dak il-meter tad-dawl isir xi tibdil pero' ma tammontax għal prova konkreta ta' ksur li jaffetwa jew li jista' jaffettwa direttament il-konsum tad-dawl elettriku.

66. Mill-banda l-oħra, kif diġa ntqal iktar 'il fuq, l-**ippittjar** tal-**phase wire** skont l-Uffiċjali tal-Enemalta huwa indikattiv ta' by-passing ta' kurrent elettriku inkwantu jkun konsegwenza ta' dak il-by-passing. F'dan il-każ ġie pruvat li kien hemm mezzi qarrieqa kif definit fl-Artikolu 264(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant ma ġab l-ebda prova sabiex ixejjen dit-teżi tal-Prosekuzzjoni.

67. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li s-serq tal-elettriku kien kwalifikat bil-mezz.

## Il-Kwalifika tal-Valur

68. Il-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-valur tar-res furtiva ġie studjat fil-ġurisprudenza. Kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-24 ta' Frar 2003, id-determinazzjoni tal-valur ta' oġġett tista' tiġi magħmula jew b'apprezzament tal-ġudikant jekk huwa jkun jifhem biżżejjed biex jiddetermina l-valur hu stess, jew billi jitqabbad perit

mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara jew inkella billi l-parte lesa tixhed bil-ġurament dwar kemm hija kienet ħalset biex xtrat l-oġġett jew il-valur tat-tiswija tal-oġġett. Biss dawn ma humiex metodi esklussivi.

69. L-appellant jargumenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellant għall-kwalifika tal-valur abbażi ta' stima. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ma jirriżultalhiex li l-appellant qatt ikkontesta l-valur tal-istima esebita mill-Enemalta fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

70. L-appellant qiegħed jilmenta dwar l-aggravju tal-valur u qed isejjes l-aggravju tiegħu fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Il-Pulizija vs. Emanuel Borg** deċiż nhar is-6 ta' Novembru 2018. F'din il-kawża jirriżulta li l-kwerelanta, u cjoe' il-kumpanija Enemalta, kienet arbitrarjament iffissat perjodu ta' snin. F'dak il-każ l-Enemalta kienet ħadet kont taż-żmien li fih allegatament kien qiegħed jinsteraq l-elettriku u kkalkolat il-valur tal-elettriku misruq abbażi ta' stima maħduma mill-uffiċjali tagħha. Iżda din l-istima ma kienetx inħadmet wara eżerċizzju ta' valutar tal-konsum ordinarju tal-fond minn fejn allegatament kien hemm l-irregolarita'. Fi kliem ieħor:

> Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-appellant lanqas ma staqsewh x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond tul iz-zmien li l-fond baqa f'idejgh; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt.

71. Din il-Qorti taqbel li f'dak il-każ, l-istima provduta mill-Prosekuzzjoni kienet arbitrarja u ma setgħet qatt tqarreb lejn xi valur reali ta' konsum ta' elettriku ordinarju li seta' kien hemm f'dak il-fond. Is-sempliċi stima magħmula fl-astratt, mingħajr bażi konkreta fuqiex din setgħet tinħadem fil-każ partikolari ma setgħetx tiġi konsiderata

bħala evidenza soda tal-valur li fuqha Qorti ta' Ġustizzja Kriminali setgħet tasal għal konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni relattivament għal-aggravju tal-valur.

72. Dan il-każ huwa differenti mill-fattispecie tal-kawża **Borg.** Mix-xhieda ta' Michael Buttigieg f'paġna 44 tal-proċess, jirriżulta li l-istima ta' Ewro10,581.85 kienet ir-riżultat ta' eżerċizzju akkurat u mhux arbitrarju jew azzardat li waslu għalih wara li l-kollegi tiegħu ħadu nota ta' x'kien hemm fil-fond tal-appellant:

> Qorti: u kif waslu għaliha la d-dawl ma kienx reġistrat?
> Xhud: Meta naraw x'tip ta' load ikun hemm id-dar noħolqu stima li roughly kemm għandna l-kalkoli fis-sistemi tagħna fejn joħroġilna roughly kemm seta' jkun inħela u ma ġiex reġistrat u noħolqu stima fuq dik il-bażi. F'dan il-każ ikkalkulajna xi ten units kuljum illi huwa, anke l-load ma kinetx baxxa lanqas għax kien hemm air-condition. Milli niftakar. Għax jiġi għandi imma mhux jien neħodhom. Il-kollegi ta' qabli.
> Qorti: Jaħdimhom ħaddieħor.
> Xhud: Huma jieħdu nota x'kien hemm fid-djar. Aħna mbagħad naħdmuha aħna.

73. Illi il-mezz ordinarju li l-kumpanija Enemalta għandha biex tkun taf kemm utent ikun qiegħed jikkonsma elettriku huwa billi tieħu rendikont permezz tal-qari tal-meter tad-dawl li jirreġistra l-konsum elettriku minn dak l-utent fil-fond in kwistjoni kif mifrux fuq perjodu ta' żmien determinat.

74. Inoltre, is-serq tal-elettriku b'dannu għall-Enemalta jista' jseħħ b'diversi modi. Element komuni jkun li l-utent, b'xi mod, jibqa' jikkonsma s-servizz elettriku mingħajr ma dak il-konsum jiġi reġistrat fuq il-meter tad-dawl. Fil-każ li utent ikun qabeż il-meter tad-dawl, ma jkunx possibbli għall-parti leża li tiddetermina bi preċiżjoni matematika kemm effettivament ikun il-valur tal-elettriku li l-utent malintenzjonat ikun seraq fuq medda ta' żmien. L-uniku mezz

fattibbli u raġonevoli li jibqagħlha l-parti lesa biex tiddetermina l-kwantita u l-valur ta’ dan is-serq huwa billi tipproduċi stima ta’ kemm l-utent partikolari ikun seraq elettriku fuq il-medda ta’ żmien identifikat.  Din l-istima ssir billi, inter alia, jiġi identifikat u kalkulat kemm kien ikun raġonevolment mistenni li dak l-utent kien jikkonsma elettriku f’dak il-fond partikolari tenut kont ta’ diversi kriterja li jinkludu : kemm nies ikunu jgħixu f’dak il-fond, nonche l-kwantita u l-kwalita tal-appliances u apparat domestiku ieħor li jkunu jaħdmu bl-elettriku u li jkunu raġonevolment mistennija li jiġu użati minn dawk l-utent u l-membri domestiċi tiegħu b’mod regolari fuq medda ta’ żmien, idealment fid-dawl tal-isfond tal-konsum tal-elettriku preċedenti tiegħu li setgħa ġie reġistrat.

75. Jiġi mtenni li din mhix xi assjoma matematika, iżda hija sistema raġonevoli ta’ kalkolu tal-kwantita u valur tar-res furtiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ.  Din toħloq presunzjoni ta’ fatt iuris tantum li dejjem tista’ tiġi ribattuta mill-imputat matul il-kors tal-ġudizzju.  Kif intqal aktar il-fuq irid jirriżulta lil Qorti li l-parti leża tkun għamlet l-istħarriġ tagħha fil-każ partikolari speċifiku skont kriterja simili għal dawk imsemmija aktar il-fuq sabiex Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ tqis tali stima legalment u raġonevolment aċċettabbli f’ġudizzju ta’ dan it-tip.

76. F’dan il-każ jirriżulta li l-istima kienet ibbażata fuq ix-xejra tal-konsum elettriku preċedenti f’dik ir-residenza kif kien reġistrat fis-sistema tal-Enemalta, magħqud m’apprezzament tas-servizzi, appliances u apparat domestiku ieħor li kienu jinsabu fil-fond tal-appellant.  Kif intqal, din hija l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni setgħet tressaq f’din is-sitwazzjoni partikolari. In oltre, l-istima esebita a fol.

81 tal-atti proċesswali ġiet ukoll ikkonfermata minn Michael Buttigieg, rappreżentant tad-dipartiment fejn jinħadmu dawn l-istimi stess f'paġna 45.

77. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

**Il-Kwalifika tal-Ħin u tal-Lok**

78. Għal dak li jirrigwarda l-kwalifika tal-lok, id-dispożizzjoni tal-Liġi applikabbli hija dik preskritta fl-Artikolu 269(g) tal-Kodiċi Kriminali li tikkwalifika s-serq bil-lok meta dan iseħħ **f'dar** ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li s-serq tal-elettriku seħħ **minn** dar t'abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha, **iżda ma seħħx f'dar** ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.

79. Id-differenza hija li l-kwalifika tal-lok hija intiża li tipproteġi "**la sacralita' del focolare domestico"**. Dan l-aggravju jħarrex il-piena kontra l-ħalliel li biex iwettaq il-ħsieb furtiv tiegħu, mhux biss jikkommetti s-serq b'mod li joltraġġa l-jedd fundamentali tal-godiment tal-proprjeta privata iżda waqt li qed jagħmel dan saħansitra jivvjola din is-sakralita tal-aktar post ta' wens u kenn – il-kunċett tad-dar tal-abitazzjoni jew parti li tagħmel magħha. Huwa l-kunċett tad-dar t'abitazzjoni innifsu li jkun qiegħed jiġi vjolat f'dan il-kuntest.

80. Iżda fil-każ is-serq tal-elettriku minn dar residenzjali, ma jkun vjolat ebda focolare domestico jew jedd proprjetarju tal-persuna li tkun tirrisjedi f'dik id-dar tal-abitazzjoni jew il-parti li tagħmel magħha. Anzi jkun il-ħalliel li jkun qiegħed juża d-dar bħala mezz biex jagħmel il-ħsara lil ħaddieħor bl-att ta' serq tas-servizz installat f'dik id-dar ta' abitazzjoni tiegħu. L-azzjoni tal-ħalliel issir minn dar t'abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha u mhux serq li jkun sar f'dik id-dar. Id-distinzjoni hija netta.

81. Fid-dawl tal-imsemmija kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' serq ikkwalifikat ukoll bil-lok.

**Il-kwalifika tal-ħin**

82. Issa in kwantu għall-kwalifika tal-ħin, din il-Qorti diġa stqarret kif jirriżultalha li l-eżerċizzju li sar da parte tal-kumpanija Enemalta kien wieħed meqjus u ma sarx b'mod arbitrarju. B'hekk il-Qorti tista' tistrieħ fuq l-istima magħmula għall-perjodu indikat fil-kwerela preżentata mill-Enemalta. Is-serq tal-elettriku jirriżulta magħmul mill-appellant għal perjodu mill-5 ta' Frar 2012 sal-5 ta' Frar 2017. Fl-isfond tal-assjem tal-provi il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-prattika tal-by-passing tal-meter fis-sistema elettrika reġistrata fuq l-appellant kienet baqgħet għaddejja b'mod ininterrott fuq medda ta' żmien li kienu jikkomprendu kemm il-ħinijiet ta' filgħodu kif ukoll il-ħinijiet ta' bil-lejl.

83. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tat-tieni aggravju tal-appellant.**

84. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 326(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma ġiex ippruvat li l-allegata ħsara saret mill-appellant; u li l-appellant aġixxa b'mens rea b'mod li volontarjament ried jikkommetti ħsara fil-meter tal-elettriku in kwistjoni. L-element materjali tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jeħtieġ li tkun saret il-ħsara fil-meter tal-elettriku jew fis-siġill tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom.

85. Dan l-element irriżulta pruvat mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Enemalta. Joseph Zammit, f'paġna 35, jgħid:

> Xhud: Dan il-phase li jidħol ġos-service box. Kollu ippitjat.
> .../...
> Qorti: Regolari jkun hekk dak?
> Xhud: Le, le, ma jkunx hekk....
> .../...
> Pros: Bħala norma jekk.
> Xhud: Bħala norma ma jkunx hekk. Il-biċċa xogħol hi.
> ..../....
> Qorti: Għamel xi ħsara fil-meter?

> Xhud: **Hemm ħsara fil-cable.**[18] Fl-outer core tal-cable. Din hija l-consumer unit kif sibniha. Dak il-ħin li dħalna aħna kien hemm il-viti maħlulin għal xi raġuni jew oħra. U dina kif sibna s-service box. Normalment din il-biċċa lastku li għal gromet tkun hawnhekk. Tkun imwaħħla bejn il-cable u s-service box. Biex ma jkun hemm l-ebda penetration. Aħna sibnihom neqsin dawk. Dan il-meter umbagħad.

86. Il-ħsara fil-meter tad-dawl - in kwantu tirreferi għal ħsara li ġiet ikkawżata bil-bypassing tal-kurrent - saret bi skop li jinsteraq l-elettriku. Stante li diġa ġie stabbilit li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet temmen li l-appellant kien qiegħed jisraq l-elettriku u stante li l-mezzi qarrieqa utilizzati kienu tali li ikkawżaw ħsara fil-meter tal-elettriku, l-element tal-volontarjeta' tar-reat ravviżat fl-Artikolu 326(1) tal-Kodiċi Kriminali jista' wkoll jiġi meqjus ippruvat.

87. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ukoll korretta fl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu għarrfet li r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 326(1) tal-Kodiċi Kriminali serva ta' mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' serq. Dan ma jfissirx li meta fir-reat "mezz għall-fini" l-imputat ikun qiegħed jiġi illiberat minnu. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja**, deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali intqal hekk:

> Dan is-sub-inciz jiddisponi :-
>
> "meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi ."
>
> Mid-dicitura tal-ligi johrog car, li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi , mhux ma jkunx hemm htija , izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f' dik tar-reat aktar gravi , imma r-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar . Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-
> "..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end ,

[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

> then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded. This is the application of the method of "assorbimento."

88. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fis-sejbien tal-ħtija fl-imputat appellant għar-reat ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 326(1) tal-Kodiċi Kriminali.

## Ikkunsidrat

## Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kwalifikati bir-reat kontinwat

89. L-appellant jikkontesta s-sejbien tal-ħtija magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif kwalifikat bir-reat kontinwat. Din il-Qorti hekk kif preseduta diġa kellha l-opportunita' li tissofferma fuq l-istituzzjoni tal-kontinwat fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ravzan Aurel Stefan** deċiż nhar id-19 ta' Diċembru 2019:

> Din il-formula ġuridika ġiet definita b'dan il-mod minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorenzo Cuschieri*** deċiża nhar it-30 t'Ottubru 2001 :
>
> Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.
>
> Anki kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom

> mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzzjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat. L-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. Ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bl-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali.
>
> Inoltre, kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Salvu Depares***, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954, fil-każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra.

90. Kif diga' ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis li skont il-kwerela preżentata mill-Enemalta, irriżulta li s-serq tal-elettriku kien ilu għaddej snin twal. Għaldaqstant minħabba r-ripetizzjoni tal-ksur tal-Liġi, senjatament tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f) u 326(1) tal-Kodiċi Kriminali rispettivament, din il-Qorti tqis li jirriżulta wkoll ir-reat kontinwat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

91. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li din il-piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when

taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

92. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri

tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

93. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

94. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-piena inflitta ma kienetx tirrispetta l-minimu stabbilit mill-Liġi; u ma jirriżultax li l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) erogat piena ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn, li kienet inqas mill-kwantita' minima li tippreskrivi l-Liġi b'applikazzjoni tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, **278(3), 279(b), 280(2)** u l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

95. Applikata l-piena skont l-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan il-każ ġie ritenut kwalifikat bil-valur u bil-mezz, il-piena minima li setgħet tingħata kienet dik ta' tmintax il-xahar priġunerija mingħajr ma jittieħed kont tal-kwalifikat tar-reat kontinwat. Anki jekk għall-grazzja tal-argument jiġi applikat biss l-Artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-minimum tal-piena hemmhekk imsemmi maħdum skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, jippreskrivi piena minima ta' tlettax-il xahar u tmintax il-jum priġunerija. Dan il-minimum – fiż-żewġt każijiet - jirriżulta li huwa iktar għoli mill-piena preskritta mill-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' sena priġunerija : anke jekk gratia argomenti jiġi skartat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ.

96. Lanqas ma jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 sabiex timponi piena taħt il-minimu preskritt mil-Liġi għar-reati li tagħhom hija sabet ħtija fl-appellant. Fi kwalunkwe każ hija ma ċċitatx dawk ir-raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jitniżżlu fis-sentenza biex jiġġustifikaw tali nżul taħt il-minimu preskritt mill-Liġi. Ma jirriżultax li f'dan il-każ kien hemm tali raġunijiet fi kwalunkwe każ.

97. Madanakollu, hekk kif diġa ngħad iktar 'il fuq, l-Avukat Ġenerali ma appellax minn din is-sentenza u ġjaladarba din il-Qorti ċaħdet l-aggravji hekk imressqa mill-appellant (għajr ħlief dak relattiv għall-kwalifika tal-lok, li pero kwantu għall-argument relattiv għall-piena ma għandu ebda effett), hija ma tistax tiddisturba din il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' APAP in parti, tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar biss dik il-parti fejn sabet lill-appellant APAP ħati tar-reat ta' serq kwalifikat bil-lok biex b'hekk tilliberah mill-kwalifika tal-lok, iżda tikkonferma l-ħtija tiegħu għar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur, mezz u ħin imputat fl-ewwel imputazzjoni. Altrimenti, salv dak mibdul aktar il-fuq, tiċħad l-appell fil-kumplament tiegħu u tħalli s-sentenza appellata skont kif deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**